MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2009

Numru. 1052/2008

**Il-Pulizija**
**[Spettur Josric Mifsud]**

**vs**

**Julie Galdes**

Kumpilazzjoni Numru: 1052/2008

Illum, 6 ta’ Lulju, 2009

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Julie Galdes, ta` 21 sena, bint Dominic Galdes u Rita nee Cassar, imwielda Pieta fil-11 ta’ Awissu 1987, u residenti Blokk C Flat 5,

Triq it-Taqtiegha Zebbug, detentrici ta karta ta' l-identita` bin-numru 361587(M).

Akkuzat talli f' Settembru 2004 gol-Belt Valletta ghall-habta tas-sitta ta' wara nofsinhar:

1. serqet mobile phone tal-marka Samsung tip S500 li jiswa aktar minn mitt liri Maltin pero anqas minn elf liri Maltin ghad-detriment ta' persuna mhux maghrufa liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa;

2. serqet mobile phone tal-marka mhux maghrufa li jiswa aktar minn mitt liri Maltin pero anqas minn elf liri Maltin ghad-detriment ta' persuna mhux maghrufa liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa.

Rat l-artikoli 18, 261(c), u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijijet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata ma kelliex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat l-atti processwali.

Semghat ix-xhieda dwar il-piena.

Semghat it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati migjuba kontra l-imputata, l-ammissjoni taghha fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, l-fedina penali ta'l-

imputata kif ukoll il-fatt li l-imputata kellha sbatax il-sena meta ghamlet dawn ir-reati.

Illi in oltre l-Qorti hadet in konsiderazzjoni dak li qalet il-probation officer Marilyn Attard dwar il-kambjamenti ghall-ahjar li qed taghmel l-imputata f'hajjietha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 37, 261(c), u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijijet ta' Malta, issib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputata taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sena bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju r-responsabilta taghha u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien sena mill-llum.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-Ufficju tal-Probation sa biex jigi assenjat ufficjal ghas-sorveljanza ta'l-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------